# SEHEM IL-PROFESSUR Mro. JOE VELLA FIL-QASAM MUŻIKALI INTERNAZZJONALI



*Profs. Joe Vella*

Il-Prof. Joe Vella, għandu rabta specjali mal-festi għeżież tagħna r-Rabtin, jiġifieri Corpus Domini u l-Martirju ta' l-App. Missierna San Pawl. Dan għaliex Mro. J. vella, ilu fil-kariga ta' *Surmast Direttur* **tal-Banda Cittadina u Principali Konti Ruġġieru tar-Rabat**, sa mill-1974. Tajjeb wieħed ifakkar, li l-Banda msemmija kienet u għadha tippartecipa bil-kbir fil-Festi tal-Parrocca tar-Rabat. b'hekk, din il-Banda Principali tar-Rabat, baqgħet issegwi dak li kienu bdew numru ta' daqqaqa sa minn żmien ilu, fil-Festi tagħna.

Mro. Joe Vella B.Mus., F.L.C.M., żgur li m'għandu bżonn ta' ebda introduzzjoni fil-qasam mużikali, kemm f'pajjiżna kif ukoll intenazzjonali. Xi eżempji ta' dan huma d-diversi bicciet mużikali minn tiegħu li ndaqqu fil-Konservatorji ta' Marsilja (Franza), Seville (Spanja), Bonn u Adenau (Ġermanja), il-Ġappun u matul il-Festival Internazzjonali - **Valentino Bucchi**, li jsir f'Ruma.

It-tema anwali ta' dan il-Festival rinomat u prestiġġjuż, tkun dedikata għal xi strument partikolari. Hekk, wieħed isib li fl-1993, intagħżel il-Kuntrabaxx, mentri fl-1994, intagħżel il-Flawt. Il-ġurija li tiddetermina r-rebbieħa tal-Premju Valentino Bucchi, tkun komposta minn disa' mużicisti stabbiliti minn diversi pajjiżi bħall-Italja, Spanja, Portugall, Ġermanja u r-Repubblika Ceka. Matul il-Festival, jiġu moqrija *papers* li jitrattaw b'certu dettal xi qasam partikolari tal-Mużika. Il-***Papers*** ippreżentati mill-Professur Joe Vella, kienu intitolati "Il-Flawt" u "Copyright Laws as envisaged for the Year 2000". Il-Prof. Joe Vella, ġie appuntat membru tal-ġurija msemmija għall-ewwel darba, fl-1993. Hu ta' unur kbir għalina r-Rabtin, li fil-Festival Valentino Bucchi - 1994, Mro Vella ġie maħtur President tal-ġurija, filwaqt li fil-Festival ta' din is-sena, intagħżlet waħda mill-kompożizzjonijiet tiegħu - "Monologu", bħala test piece.

F'isem ir-Rabtin Pawlini, nifirħulu u nawgurawlu aktar successi, b'mod specjali issa li waslet biex toħroġ **it-tielet Compact Disc** b'xogħlijiet mużikali minn tiegħu, kollha fuq stil modern. Dawn ix-xogħlijiet se jiġu esegwiti mis-**Sophia Symphony Orchestra**, naturalment taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joe Vella.

Minn Qalbna Nawgurawlu

---

# IL-BANDA POPOLARI KONTI RUĠĠIERU FL-ITALJA

Nhar il-Ħamis, 20 ta' Lulju 1995, il-Każin San Pawl u l-Banda Konti Ruġġieru flimkien m'għadd kbir ta' partitarji Rabtin Pawlini u l-familji tagħhom ser jitilqu minn Malta bl-ajru għal belt t'Ancona. F'din il-ġita il-banda ser tesegwixxi programm mużikali f'Polverigi, Ancona, kif ukoll ser idoqq f'Tolentino u f'Appigniano. Il-grupp kollu ser jattendi quddiesa l-Ħadd 23 ta' Lulju fil-Bażilika ta' Loretu, f'Loretu. Ser iżuru ir-Repubblika ta' San Marino, stat żgħir indipendenti fl-Italja, kif ukoll l-ibliet t'Ancona, Venezja, Spello, Assisi u Cascia fejn f'ta' l-aħħar ser iżuru s-santwarju ta' San Franġisk u Santa Rita.

Minn dawn il-paġni nawguraw lil grupp kollu success u divertiment mal-Każin San Pawl u l-Banda Popolari Konti Ruġġieru.